MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Numru. 958/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**FRANCIS SCHEMBRI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Schembri ta’ 67 sena, imwieled Cospicua nhar is-6 ta’ Dicembru 1937, iben Matthew u Carmela nee’ Pullicino, u joqghod Nru. 8 Ta’ Paris, Ringiela E3 Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 847437(M) gie akkuzat talli:

1) fis-26 ta’ Gunju 2005 ghall-habta tas-8.40am, waqt li kien ghaddej bil-vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni YYZ-330 fi Triq l-Imsida gewwa Birkirkara u f’dawn il-gzejjer, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Adelina Borg ID 31630(M) hekk kif iccertifika Dr. Patrick Farrugia M.D. ta’ l-isptar San Luqa, liema ferita aktarx ikkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn,
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan kollha ghal perjodu li l-Qorti jidrilha hu xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok VA3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 226(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Francis Schembri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Francis Schembri ghall-piena komplessiva ta' sena (1) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Francis Schembri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Francis Schembri milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Schembri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------